MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 354/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marco Bugeja talli fid-9 ta' April 2005, ghall-habta ta’ 13.30 hrs f’Hal-Far-Road, Gudja,

1) saq vettura numru LAW-128 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta’ Malta;

2) b’hekk ma kienx kopert b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Qorti giet mitluba li tiskwalifika lll-imsemmi Marco Bugeja milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ mhux anqas minn tnax-il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Dicembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Marco Bugeja hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' mija u hamsin liri Maltin (Lm150);
Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Marco Bugeja pprezentat fit-23 ta’ Dicembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li jigi ddikjarat mhux hati u lliberat minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi;

Semghet il-provi mill-gdid;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens illi jezisti konflitt ta’ provi stante illi x-xiehda ta’ l-appellant tikkontrasta ma’ dik tax-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni. L-appellant spjega fid-dettal x’gara dakinhar u cahad kategorikament li huwa saq il-vettura in kwistjoni.

Issa, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[1]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-*

[1] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[2].

Din il-Qorti semghet ix-xhieda mill-gdid u frankament ma ssibx li ghandha xi raguni biex tiddisturba l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha. M'hemm l-ebda dubju l-ewwelnett illi l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan fil-gurnata in kwistjoni (ara xiehda ta' Chris Darmanin tal-Licensing Office). Huwa veru li l-appellant cahad li kien qieghed isuq u biddel postu mal-passiggiera Maria Rosaria Caruana meta kienu qed javvicinaw ir-roundabout tal-ajruport. Pero` din il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandha l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tqis verosimili dak li qal P.C. 1091 Kenneth Camilleri, li kien car fid-deskrizzjoni tieghu ta' dak li kien osserva jigri u kien ghalhekk li meta l-karrozza regghet imxiet fid-direzzjoni tal-Pulizija, twaqqfet. L-appellant jipprova jaghmel kapital mill-fatt li l-prosekuzzjoni ma pproducietx il-pulizija l-ohra li kienu ma' P.C. 1091, izda hu stess ma pproduciex bhala xhud lil Maria Rosaria Caruana. Din il-Qorti tqis bhala tentattiv fjakk biex jiskolpa ruhu dak li qal l-appellant li hu u l-imsemmija Caruana nizlu mill-karrozza biex jaraw x'kien il-hoss li zviluppa fil-karrozza. P.C. 1091 Kenneth Camilleri stqarr, waqt konfront ma' l-appellant, li "distanza ma kinitx daqshekk li ma taghrafx bniedem, ghal mod tal-kelma, minn mara ghal ragel".

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

---

[2] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------